

**Brussell, 13 ta' Lulju 2026
(OR. en)**

**11840/26
ADD 1**

**ENT 195
MI 773
CHIMIE 100
IND 483
COMPET 948
SAN 587
ENV 938**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	D(2026) 105447 annex
Suġġett:	ANNESS tar-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward taċ-ċomb fil-pritkuni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument D(2026) 105447 annex.

Mehmuż: D(2026) 105447 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
D105447/07
[...] (2026) XXX draft

ANNEX

ANNESS

tar-

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward taċ-ċomb fil-pritkuni

ANNESS

“ANNESS

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-entrata 63, it-tieni kolonna, jiddaħħal il-paragrafu 14a li ġej:

“14a. Il-paragrafi 11 - 14 għandhom japplikaw sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' **7 snin** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]”;

(2) Fl-entrata 63, it-tieni kolonna, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

	“28. L-użi li ġejjin ta' pritikuni li fihom konċentrazzjoni ta' ċomb (espress bħala metall) ta' 1 % jew aktar skont il-piż huma pprojbti: (a) il-ġarr jew l-iskariku ta' pritikuni waqt il-kaċċa jew bħala parti minn meta wieħed ikun sejjer għall-kaċċa, minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 7 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]; (b) l-iskariku ta' pritikuni waqt l-isparar sportiv fuq barra, minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 7 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Sabiex jiġi ddeterminat jekk persuna misjuba bil-pritikuni tkunx qed iġġorrhom bħala parti minn meta tkun sejra għall-kaċċa, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż li l-persuna misjuba bil-pritikuni mhux bilfors tkun l-istess persuna li tkun qed tikkaċċja. 29. Ma għandhomx jiġu introdotti fis-suq pritikuni li fihom konċentrazzjoni ta' ċomb (espressa bħala metall) ta' 1 % jew aktar skont il-piż, minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 7 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. 30. B'deroga, il-paragrafu 28, il-punt (b), ma għandux japplika għal pritikuni ta' daqsijiet bejn 1,9 mm u 2,6 mm skarikati f'kamp tal-isparar sportiv fuq barra, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: (a) il-kamp tal-isparar sportiv fuq barra jkollu l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju stabbiliti fl-Appendiċi [X] fis-seħħ minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 7 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]; (b) il-persuni li jiskarikaw tali pritikuni jkunu membri attivi ta' federazzjoni tal-isparar sportiv; (c) il-kamp tal-isparar sportiv fuq barra jżomm rekords ta' dawn: (i) il-piż stmat ta' tali pritikuni skarikati minn membri attivi ta' federazzjoni tal-isparar sportiv f'dak il-kamp; (ii) il-persuni li jiskarikaw il-pritikuni f'dak il-kamp; (iii) il-piż ta' tali pritikuni rkuprati; (d) il-kamp tal-isparar sportiv fuq barra jaġġmel ir-rekords imsemmija fil-punt (c) disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fuq talba tagħhom. 31. B'deroga, il-paragrafu 29 ma għandux japplika għal pritikuni ta' daqsijiet bejn
--	---

	1,9 mm u 2,6 mm introdotti fis-suq għall-użu minn membri attivi ta' federazzjoni tal-isparar sportiv f'kamp tal-isparar sportiv fuq barra li jissodisfa l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 30. 32. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: <i>daħħal id-data 6 xhur</i> wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-bejjiegħa bl-imnut tal-pritkuni li fihom iċ-ċomb f'konċentrazzjonijiet ta' 1 % jew aktar skont il-piż, għandhom juru b'mod ċar u viżibbli l-informazzjoni li ġejja, fil-punt tal-bejgħ u qrib ħafna tal-pritkuni jew, fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, fl-offerta ta' bejgħ mill-bogħod: <i>“TWISSIJA: dan il-prodott fih iċ-ċomb li huwa tossiku ħafna għall-ambjent u jista' jagħmel ħsara lill-fertilità jew lit-tarbija fil-ġuf. L-użu u l-bejgħ tal-pritkuni taċ-ċomb għall-kaċċa u għall-isparar sportiv huma ristretti fl-UE minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 7 snin] wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].</i> <i>Aktar informazzjoni, inkluż dwar id-disponibbiltà ta' alternattivi mingħajr ċomb, hija disponibbli fuq [www.echa.europa.eu]”</i> L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-punt tal-bejgħ jew, fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-bejgħ mill-bogħod jiġi offrut, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jipprevedix mod ieħor fir-rigward ta' dawk il-lingwi. 33. Mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettar ta' sustanzi u ta' taħlitiet, il-fornituri ta' pritkuni li fihom konċentrazzjoni ta' ċomb (espressa bħala metall) ta' 1 % jew aktar skont il-piż, għandhom jiżguraw li, minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: <i>daħħal id-data 18-il xahar</i> wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-imballaġġ tal-pritkuni jkun ittikkettat b'mod ċar, viżibbli u li ma jitħassarx bid-dikjarazzjoni li ġejja, qabel ma l-pritkuni jiġu introdotti fis-suq: <i>“TWISSIJA: dan il-prodott fih iċ-ċomb li huwa tossiku ħafna għall-ambjent u jista' jagħmel ħsara lill-fertilità jew lit-tarbija fil-ġuf.”</i> Id-dikjarazzjoni għandha tkun bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-pritkuni jiġu introdotti fis-suq sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jipprevedix mod ieħor fir-rigward ta' dawk il-lingwi. Jekk id-dikjarazzjoni ma tkunx tista' titqiegħed fuq l-imballaġġ minħabba d-daqs tal-imballaġġ, id-dikjarazzjoni għandha tiġi pprovduta f'tikketta li tintewa, jew f'fuljett, jew fuq tikketta li tista' tintratbat. 34. B'deroga, il-paragrafi 28, 29, 32 u 33 ma għandhomx japplikaw għall-użu u għall-introduzzjoni fis-suq ta' pritkuni għall-pistoli li jikkargaw mill-muzzle u għall-armi tan-nar storiċi, inklużi r-repliki moderni tagħhom. 35. Id-derogi fil-paragrafi 30 u 31 għandhom jiġu rrieżminati mill-Kummissjoni, abbażi ta' rapport prodott mill-Aġenzija, wara [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: <i>daħħal id-data ta' 10 snin</i> wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. 36. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: <i>daħħal id-data 8 snin</i> wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] lista ta' kampijiet tal-isparar sportiv fuq barra fit-territorju tagħhom
--	---

	li jkollhom il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju stabbiliti fl-Appendiċi [X] f'konformità mal-paragrafu 30, il-punt (a). 37. Il-paragrafi 28 sa 36 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-użi tal-pritkuni għall-finijiet li ġejjin: (a) l-isparar fuq ġewwa; (b) il-pulizija, l-infurzar tal-liġi u applikazzjonijiet oħra tas-sigurtà; (c) l-applikazzjonijiet militari u ta' difiża; (d) il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, tat-tbaħħir kummerċjali jew ta' konvojs ta' valur għoli; (e) il-protezzjoni tal-bini pubbliku u tal-ispazju pubbliku; (f) l-awtodifiża; (g) l-ittestjar tekniku u l-verifika tal-armi tan-nar u tal-munizzjon; (h) l-ittestjar u l-iżvilupp ta' materjali u ta' prodotti għall-protezzjoni ballistika; (i) l-analiżi forensika; (j) ir-riċerka jew l-investigazzjoni storika u teknika; (k) il-fulminanti u l-istopop. Għall-finijiet tal-punt (f), il-ġarr waqt il-kaċċa, jew bħala parti minn meta l-kaċċaturi jmorru għall-kaċċa ma huwiex meqjus bħala awtodifiża. 38. L-Istati Membri jistgħu jżommu dispożizzjonijiet nazzjonali għall-protezzjoni tal-ambjent jew tas-saħħa tal-bniedem li huma aktar stretti minn dawk stabbiliti fil-paragrafi 28, 30 u 34, dment li dawk id-dispożizzjonijiet jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin: (a) dawn kienu fis-seħħ fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]; (b) jirrestrinġu biss l-użu iżda mhux l-introduzzjoni fis-suq taċ-ċomb fil-pritkuni. L-Istati Membri li jżommu dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali għandhom jikkomunikaw it-testi tagħhom lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawk it-testi disponibbli għall-pubbliku mingħajr dewmien. 39. Għall-finijiet tal-paragrafi 28 sa 38: (a) "prirkuni" tfisser il-prirkuni li jintużaw jew li huma maħsubin biex jintużaw f'karga waħda jew fi skartoċċ f'senter; (b) "senter" tfisser arma tan-nar b'kanna lixxa, minbarra l-ixkubetti tal-arja; (c) "ġarr" tfisser kull ġarr fuq il-persuna jew il-ġarr jew it-trasportazzjoni b'kull mezz ieħor; (d) "kaċċa" tfisser l-inseguwiment u l-isparar fuq priża ħajja permezz ta' proġettili li joħorġu minn pistola; (e) "sparar sportiv" tfisser l-isparar fuq kwalunkwe mira inanimata b'pistola, inkluża l-prattika jew sparar ieħor imwettqa bi tnejn għall-kaċċa; (f) "membru attiv" tfisser persuna li jkollha sħubija valida f'federazzjoni għall-isparar sportiv; (g) "sparar fuq ġewwa" tfisser l-isparar li jsir ġewwa bini, f'żona magħluqa
--	--

	b'saqaf u b'ħitan sabiex ma jkun hemm l-ebda emissjoni ta' pritkuni fl-ambjent; (h) "kaċċaturi jmorru għall-kaċċa" tfisser vjaġġar minn abitazzjoni privata jew minn bini pubbliku sal-post fejn issir il-kaċċa; (i) "armi tan-nar storiċi" tfisser armi tan-nar manifatturati qabel l-1 ta' Jannar 1900. (j) "replika moderna" tfisser riproduzzjoni ta' arma tan-nar storika, magħmula b'materjali u b'tekniki ta' manifattura kontemporanji, li ssegwi mill-qrib id-disinn u l-funzjonalità tal-arma tan-nar storika oriġinali."
--	---

- (3) Jiżdied l-Appendiċi [X] [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-Appendiċi*] li ġej:

"Appendiċi [X]"

Entrata 63 – Kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tad-deroga fil-paragrafu 30

Dan l-Appendiċi jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju li għandhom ikunu fis-seħħ għall-kampijiet tal-isparar sportiv fuq barra skont il-paragrafu 30, il-punt (a).

Miżuri ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu ta' pritkuni fil-kampijiet tal-isparar sportiv fuq barra

Il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju li ġejjin għandhom ikunu preżenti f'kampijiet tal-isparar sportiv fuq barra fejn jiġu skarikati l-pritkuni:

- (a) mill-inqas żewġ miżuri differenti ta' konteniment taċ-ċomb, magħżula mil-lista li ġejja:
 - ħajt wieħed jew aktar;
 - rampa waħda jew aktar magħmula minn ħamrija, żrar, ramel jew materjal xieraq ieħor;
 - xibka jew purtiera tal-isparatura waħda jew aktar;
 - koperturi tas-superfiċi ta' żoni b'impatt ta' pritkuni;
- (b) l-irkupru taċ-ċomb sparat mill-inqas kull 3 snin u mal-waqfien tal-attività tal-kamp tal-isparar sportiv fuq barra;
- (c) il-monitoraġġ u, fejn neċessarju, it-trattament taż-żoni b'impatt ta' pritkuni li ma jkollhomx kopertura tas-superfiċi, biex jiġi żgurat li jkollhom pH ta' bejn 6,5 u 8,5, sabiex tiġi mminimizzata l-migrazzjoni taċ-ċomb fil-ħamrija u fl-ilma. Il-konformità ma' dawk il-valuri tal-pH għandha tiġi vverifikata mill-inqas darba kull 6 xhur;
- (d) il-konteniment, il-monitoraġġ u, fejn neċessarju, it-trattament tal-ilma tad-drenaġġ (inkluż l-ilma tax-xeba' tal-wiċċ) minn żoni b'impatt ta' pritkuni biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandard tal-kwalità ambjentali għaċ-ċomb speċifikat skont id-Direttiva 2000/60/KE*;
- (e) projbizzjoni fuq kwalunkwe użu agrikolu fil-konfini tas-sit;

(f) rekords ta' konformità mal-kundizzjonijiet f'dan il-paragrafu.

*Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma. ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1. ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/2014-11-20>.”

”